KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.12.2007
KUMM(2007) 805 finali

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## abbażi ta' l-Artikolu 6 tad-deċiżjoni qafas tal-Kunsill ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar il-konfiska ta' rikavati, strumenti u oġġetti relatati mal-kriminalità (2005/212/JAI)

MT MT

# 1. DAĦLA

Skond l-Artikolu 6 tad-deċiżjoni qafas 2005/212/JAI[1] tal-Kunsill ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar il-konfiska ta' rikavati, strumenti u oġġetti relatati mal-kriminalità (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni qafas"), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport miktub dwar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jikkonformaw ma' din id-deċiżjoni qafas.

Fuq inizjattiva tar-Renju tad-Danimarka d-deċiżjoni qafas għandha l-għan li: "… tiggarantixxi li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli effikaċi fil-qasam tal-konfiska ta' rikavati mill-kriminalità, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-oneru tal-provi fir-rigward ta' l-oriġini tar-rikavati miżmuma minn persuna rikonoxxuta bħala ħatja għal reati marbuta mal-kriminalità organizzata". Id-deċiżjoni qafas essenzjalment għandha l-għan li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jippermettu żewġ tipi ta' konfiska:

– l-istrumenti u r-rikavati kollha jew parti minnhom li jkunu ġejjin minn reati kriminali li jkollhom piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena, jew oġġetti li l-valur tagħhom jikkorrispondi għal dawn ir-rikavati,

– ir-rikavati miżmuma kollha jew parti minnhom, direttament jew indirettament, minn persuna ddikjarata ħatja għal ċerti reati serji, partikolarment meta l-oġġetti jkunu ġejjin minn attività kriminali.

Il-Kummissjoni tqis li huwa ta' importanza kbira li tindirizza l-konfiska ta' strumenti, rikavati u oġġetti kriminali għaliex huwa mezz effikaċi kif wieħed jattakka l-kriminalità organizzata. Fil-fatt, huwa l-mod li permezz tiegħu l-kriminali jkunu mċaħħda mir-riżorsi finanzjarji tagħhom, u b'hekk tkun limitata s-setgħa tagħhom li jagħmlu azzjonijiet ta' ħsara, iżda anke li jkunu mċaħħda mis-sodisfazzjoni ta' l-oġġetti li jkollhom għall-kumdita tagħhom.

## 1.1. Kuntest tat-tfassil tad-deċiżjoni qafas

Il-konfiska tal-qligħ mill-kriminalità hija meqjusa għal ħafna żmien bħala mezz effikaċi kif tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata. Il-pjanijiet ta' azzjoni tal-Kunsill Ewropew bl-għan li jiġġieled dan il-fenomenu jenfasizzaw b'mod kostanti l-ħtieġa li l-kriminalità organizzata tkun imċaħħda mill-motivazzjoni ewlenija tagħha, jiġifieri l-profitt.

L-"istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea għall-millennju l-ġdid"[2] tispeċifika li "il-Kunsill Ewropew jinsab determinat li jara li jiġu adottati miżuri konkreti biex ikunu ntraċċati, iffriżati, imwaqqfa u konfiskati r-rikavati kriminali".

S'issa ġie stabbilit pakkett ta' strumenti koerenti mill-Unjoni. Fis-26 ta' Ġunju 2006 il-Kunsill adotta d-deċiżjoni qafas 2001/500/JAI[3] dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar jew il-qabda u l-konfiska ta' strumenti u qligħ mill-kriminalità. Din id-deċiżjoni qafas ippermettiet xi progressi ġodda billi pprevediet l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-konfiska ta' l-oġġetti li jkunu ġejjin mill-kriminalità organizzata. Id-

[1] ĠU L tal-15.3.2005.
[2] "Il-Prevenzjoni u l-kontroll tal-kriminalità organizzata : ta' l-Unjoni Ewropea għall-bidu tal-Millenju l-ġdid" ĠU C 124, 3.5.2000, p. 1.
[3] ĠU L 182, 5.7.2001.

deċiżjoni qafas 2003/577/JAI[4] tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 tippermetti l-eżekuzzjoni ta' l-iffriżar ta' l-oġġetti jew tal-qabda probatorja fl-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill adotta wkoll id-deċiżjoni qafas 2006/738/JAI[5], tas-6 ta' Ottubru 2006, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għad-deċiżjonijiet ta' konfiska.

## 2. GĦAN TA' DAN IR-RAPPORT U METODU TA' EVALWAZZJONI

Id-deċiżjonijiet qafas tal-Kunsill jorbtu lill-Istati Membri fir-rigward tar-riżultat li għandhom jiġu milħuqa, filwaqt li jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-forma u l-mezzi li jużaw. Huma ma jistax ikollhom effett dirett. Peress li l-Kummissjoni, fi ħdan it-tielet pilastru, ma tistax tibda proċedura ta' infrazzjoni kontra Stat Membru, in-natura u s-suġġett ta' dan ir-rapport huma limitati għall-evalwazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni adottati.

Dan ir-rapport jikkonċentra fuq l-analiżi ta' l-Artikoli 2 u 3 li jikkostitwixxu l-qalba ta' l-istrument u l-obbligi ewlenin fir-rigward ta' l-għanijiet tad-deċiżjoni qafas.

Il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni għall-għanijiet ta' dan ir-rapport huma l-kriterji ġenerali adottati fl-2001[6] biex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet qafas. Barra dan, ġew użati wkoll kriterji proprji għal din id-deċiżjoni qafas preżenti.

L-Artikolu 6(2) tad-deċiżjoni qafas jipprevedi li abbażi ta' rapport miktub stabbilit fuq informazzjonijiet forniti mill-Istati Membri fil-15 ta' Marzu 2007 u ta' rapport tal-Kummissjoni, il-Kunsill ser jivverifika, l-aktar tard fil-15 ta' Ġunju 2007, safejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri neċessarji.

Meta kien qed jinkiteb dan ir-rapport, 16-il Stat Membru (BE, BG, CZ, DE, DK, EE, FI, FR, HU, IE, LT, MT, NL, PL, RO, SE,), kienu ttrażmettew it-test tagħhom, u 10 fosthom (BE, CZ, DE, DK, EE, FI, FR, HU, NL, PL) kważi ttrasponewhom għal kollhox, bl-eċċezzjoni f'ħafna każijiet ta' l-Artikolu 1 u xi drabi ta' dispożizzjonijiet minuri fir-rigward ta' l-ekonomija ġenerali tad-deċiżjoni qafas, u 6 fosthom ittrasponewhom parzjalement (BG, IE, LT, MT, RO, SE). 5 Stati Membri (EL, IT, LV, LU, PT) iddikkjaraw li l-atti leġiżlattivi rispettivi tagħhom kienu fil-proċess tat-tfassil. Fl-aħħarnett, 6 Stati Membri (AT, CY, ES, SK, SI, UK) għadhom ma kkomunikawx il-miżuri nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni.

Ta' min jinnota li ċerti Stati Membri ttrażmettew nota kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni fejn jispjegaw l-approċċi ġenerali u partikolari adottati fil-liġi nazzjonali tagħhom u fejn jindikaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi applikabbli. Fir-rigward ta' l-obbligu li jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni, uħud mill-Istati Membri ma fornewx test li jappoġġja l-kummentarju tagħhom, għalkemm dettaljat ħafna, filwaqt li Stati Membri oħra wettqu omissjonijiet parzjali.

Dan ir-rapport janalizza d-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni, totali jew parzjali, u l-kummentarji li jistgħu jakkumpanjawhom, ta' sittax-il Stat Membru, kif ukoll ta' żewġ Stati Membri (IT, LU) li fornew elementi dwar il-proġett tagħhom ta' att leġiżlattiv.

[4] ĠU L 196, 2.8.2003.
[5] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59–78.
[6] COM(2001) 771 tat-13.12.2001, punt 1.2.2.

## 3. ANALIŻI TAL-MIŻURI MEĦUDA

### *Artikolu 1 - Definizzjonijiet*

L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni qafas jagħti d-definizzjonijiet : "rikavat", "oġġett", "strument", "konfiska" u "persuna morali". Dawn it-termini huma essenzjali, għaliex jikkostitwixxu l-istess numru ta' testi trasposti li jippermettu li jiġi garantit li jintużaw u jiġu applikati l-kunċetti ta' l-istess natura u ta' l-istess sens.

Ċerti Stat Membri fornew elementi, xi drabi parzjali, (BG, CZ, FR, HU, LT, MT, SE) dwar it-traspożizzjoni ta' dan l-Artikolu. Oħrajn ma indikaw xejn (DE, DK, EE, FI, NL, PL). Uħud mill-Istati Membri enfasizzaw li ma kienx neċessarju li jittieħdu in kunsiderazzjoni ċerti definizzjonijiet għaliex minkejja li ma jinsabux fil-leġiżlazzjoni tagħhom huma magħrufa u ma jqajmu l-ebda ambigwità (FR, HU, IE, MT). Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, huwa importanti li dawn id-definizzjonijiet ikunu applikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għaliex dan ikun estremament utli biex jitfgħu dawl ċar fuq kif jitqiesu dawn il-kunċetti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, xi drabi jkun diffiċli, anke impossibbli, għall-Kummissjoni biex tkun ċerta li d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas ikunu ġew trasposti b'mod korrett.

### *Artikolu 2 – Konfiska bażika*

L-Artikolu 2 jikkostitwixxi d-dispożizzjoni bażika. Il-paragrafu 1 jobbliga lill-Istati Membri biex jippermettu l-konfiska ta' l-istrumenti u r-rikavati kollha jew parti minnhom li jkunu ġejjin minn reati kriminali li jkollhom piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena, jew oġġetti li l-valur tagħhom jikkorrispondi għal dawn ir-rikavati. Dan il-limitu huwa dak li jinżamm diġà fid-deċiżjoni qafas tal-Kunsill 2001/500/JAI diġà msemmija. Id-differenza tinsab fit-tneħħija tal-possibbiltà ta' riżervi li kienet tippermetti li ma tkunx prevista konfiska f'każ ta' infrazzjoni fiskali.

L-Artikolu 2(1) huwa d-dispożizzjoni li kellha l-inqas problemi meta ġiet biex tiġi implimentata fl-Istati Membri. Milli jidher, ċerti Stati Membri pprevedew biss għal konfiska parzjali skond in-natura tagħha. 13-il Stat Membru ttrasponew bis-sħiħ dan l-element (BE, BG, CZ, DE, DK, EE, FI, LU, LT, MT, NL, PL, SE).

IE qed tipprepara miżuri biex tkun għal kollox konformi ma' l-Artikolu 2(1). Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2, LT tirreferi għall-proċedura relatata ma' l-iffriżar ta' l-oġġetti. FR iddikkjarat li f'konformità ma' l-inċiż 11 (ir-rispett tal-prinċipji fundamentali proprji għal Stat Membru) ir-reati ta' l-istampa ma jistgħux iwasslu għal miżuri ta' konfiska fi Franza.

Ta' min jinnota li fir-rigward tal-*quantum* tal-piena ta' priġunerija li jiddetermina l-limitu li minnu l-konfiska hija obbligatorja, uħud mill-Istati Membri (għall-inqas BE, CZ, DE, DK, EE, LT, MT) ma jipprevedux limitu minimu għaliex japplikaw il-konfiska għar-reati kollha.

F'konformità ma' l-Artikolu 2(2) ċerti Stati Membri għar-reati fiskali jipprevedu r-rikors għal proċeduri oħrajn mhux kriminali biex iċaħħdu l-attur mill-prodotti tar-reat (BE, BG, LT). Mit-testi trażmessi, joħroġ li ċerti Stati Membri ma ħadux dispożizzjoni f'dan is-sens fuq il-bażi tad-deċiżjoni qafas. Madankollu, dan ma jfissirx li ma jeżistux tipi oħra ta' proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dawn l-Istati Membri.

## *Artikolu 3 – Konfiska estiża*

Minkejja li ma jilħaqx l-ambizzjonijiet tal-proposta inizjali ta' l-istrument, l-Artikolu 3 huwa l-valur miżjud reali ta' din id-deċiżjoni qafas. Fil-fatt, huwa maħsub biex jiggarantixxi li l-Istati Membri kollha jkollhom regola fil-qasam tal-konfiska fir-rigward ta' l-oriġini ta' l-oġġetti miżmuma minn persuna kkundannata rikonoxxuta bħala ħatja għal reat marbut mal-kriminalità organizzata. Dan l-Artikolu jobbliga lill-Istati Membri biex jippermettu l-konfiska, fuq il-bażi ta' tliet każijiet previsti fil-paragrafu 2, ta' l-oġġetti kollha jew parti minnhom miżmuma, direttament jew indirettament, minn persuna ddikjarata ħatja għal ċerti reati.

<u>Ambitu – Artikolu 3(1) :</u>

Sabiex jitqiesu r-rekwiżiti tal-proporżjonalità tas-sentenza mogħtija mas-serjetà tar-reati, id-deċiżjoni qafas tifformola dan l-obbligu b'tali mod li tintroduċi possibbiltà ta' konfiska estiża:

– minn naħa, dan l-obbligu huwa previst biss għal lista limitata ta' reati armonizzati, stabbilit fl-applikazzjoni ta' sitt deċiżjonijiet qafas (falsifikazzjoni ta' l-euro, ħasil tal-flus, traffikar tal-bnedmin, immigrazzjoni illegali, sfruttament sesswali u pronografija tat-tfal u traffikar tad-droga jew terroriżmu) li għalihom l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipprevedu pieni ta' preġunerija ta' mill-inqas 5 sa 10 snin u mill-inqas 4 snin fil-qasam tal-ħasil tal-flus,

– min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni tal-fatti tat-terroriżmu, l-obbligu li tiġi prevista possibbiltà ta' konfiska estiża hija preskritta biss għar-reati li jsiru fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali.

Ta' min jippreċiża li l-obbligu li tiġi prevista possibbiltà ta' konfiska estiża teżisti biss sakemm ir-reat ikun ta' natura li jiġġenera benefiċċji.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri jipprevedu dispożizzjonijiet partikolari ta' konfiska estiża għall-inqas fil-qasam tas-sitt deċiżjonijiet qafas msemmija hawn fuq u ta' dawk relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Fil-fatt, ir-reati li joħorġu minn dawn id-deċiżjonijiet qafas huma ġeneralment ikkunsidrati bħala serji biżżejjed biex jiġġustifikaw miżuri partikolari. Rigward il-*quantum* tal-piena li jiddetermina l-limitu obbligatorju ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' konfiska, li għalih issir differenza skond jekk il-fatti joħorġux mill-ħasil tal-flus jew le, joħroġ li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri ma jagħmlux distinzjoni. Fl-aħħarnett, rigward ir-rekwiżit li d-deċiżjoni qafas tapplika għall-inqas fil-każ fejn ir-reati jkunu ta' natura li jikkawżaw benefiċċji, joħroġ li bosta Stati Membri ma reġgħux użaw din il-kondizzjoni, u għalhekk kienu aktar flessibbli fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni qafas.

Uħud mill-Istati Membri japplikaw il-konfiska estiża mingħajr ma jkun hemm bżonn li r-reati jkunu joħorġu sistematikament mill-qafas tal-kriminalità organizzata (BG, DE, EE, FI, FR). Dan jidher li huwa wkoll il-każ għall-PL. L-Istati Membri li ddikjaraw li ttrasponew għal kollox dan l-ambitu tad-deċiżjoni qafas huma BE, BG, CZ, DK, FR. Mid-dokument ikkomunikat mil-LT, ma jidhirx li hemm miżuri li jistgħu jintrabtu ma waħda minn dawk previsti fid-deċiżjoni qafas. DE għadha ma ttrasponietx miżuri relatati ma' ċerti reati relatati mal-pronografija tat-tfal. Ċerti Stati Membri ttrasponew biss parti mill-qasam tad-deċiżjoni qafas (EE, FI).

Miżuri neċessarji – Artikolu 3(2) :

Jidher li l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 3(2) ħoloq l-aktar diffikultajiet. Dawn jikkonċernaw prinċipalment it-tradizzjonijiet legali u l-prinċipji fundamentali, partikolarment relatati ma' l-amministrazzjoni tal-piena prevista, ir-rabta abitwali mitluba bejn ir-reat li jwassal għall-kundanna u dak li huwa kkonfiskat, id-dritt għal proċess ġust, iżda anke l-proporzjonalità bejn il-piena u l-fatti allegati. Fl-istess ħin, ċerti Stati Membri jmorru lilhinn u jipprovdu l-possibbiltà għall-qrati li jagħtu sentenza ta' konfiska ta' l-oġġetti kollha jew parti minnhom tal-persuna kkundannata mingħajr il-bżonn li jintwera li dawn ikunu ġew minn attivitajiet kriminali.

Il-miżura ta' konfiska estiża li għandhom jadottaw l-Istati Membri għandha tkun għall-inqas waħda mit-tlieta previsti rispettivament fl-inċiżi a), b) u c) ta' l-Artikolu 3(2). Fil-każijiet kollha dawn jippermettu l-konfiska ta' l-oġġetti li jkunu ġejjin mill-attivitajiet kriminali li ma jkunux direttament relatati mar-reat li għalih il-persuna tkun ikkundannata. Jiġifieri m'hemmx rabta bejn ir-reat li jwassal għall-kundanna u dak li huwa kkonfiskat ; la man-natura ta' l-oġġett, u lanqas ma' l-ammont. Dan huwa prinċipju ta' konfiska estiża ta' l-oġġetti tal-persuna kkundannata. L-inċiż a) huwa maħsub għall-imsemmija oġġetti sakemm ikunu ġejjin minn attivitajiet matul perjodu anterjuri għall-kundanna, filwaqt li l-inċiż b) huwa maħsub għal dawk li jkunu ġejjin minn attività "simili". Rigward l-inċiż c), dan huwa maħsub għall-isproporzjon bejn il-valur ta' l-oġġetti u dak tad-dħul legali tal-persuna kkundannata.

Meta titqies id-diversità tal-miżuri meħuda fl-Istati Membri, iddefiniti skond is-sistema legali tagħhom u kkaratterizzati minn kostruzzjonijiet legali li mhux dejjem jikkorrispondu għall-istess arkitettura, ħafna drabi huwa diffiċli li jiġi ddeterminat għal-liema waħda (mill-inqas) minn dawn il-miżuri kull Stat Membru kkonforma ruħu, sakemm ma jkunx ippreċiżat. Fil-qosor:

– BG, DE, FI u PL ikopru direttament jew indirettament il-miżuri previsti fl-inċiż a).

– EE tkopri, direttament jew indirettament, il-miżura prevista fl-inċiż c).

– CZ, FR, DK u NL ikopru direttament jew indirettament il-miżuri previsti fl-inċiżi a), b) u c).

– BE, BG ikopru direttament jew indirettament il-miżuri prevista fl-inċiżi a) u b).

LU, IE u IT qed jippreparaw riforma li tintroduċi setgħat ta' konfiska estiża. Mill-inqas tliet Stati Membri (BG, CZ, FR) jipprevedu l-konfiska ta' l-oġġetti kollha jew parti minnhom, bħala piena, kontra l-persuna kkundannata, indipendentement mill-ġustifikazzjoni ta' l-oriġini ta' l-oġġetti kriminali, għar-reati kollha jew parti minnhom li jkunu ġejjin mill-ambitu tad-deċiżjoni.

Ambitu mwessa' għal terzi – Artikolu 3(3) :

Rigward id-dispożizzjoni fakultattiva, prevista fl-Artikolu 3(3), joħroġ li ċerti Stati Membri jipprevedu l-konfiska ta' l-oġġetti li jistgħu "jappartjienu" għall-persuna kkundannata iżda li l-proprjetà legali tagħhom tkun ta' wieħed mill-assoċjati tagħha jew ta' persuna morali li fuqha jeżerċita influwenza determinata. Huwa l-każ, għal din id-dispożizzjoni jew parti minnha, ta' l-Istati Membri li ġejjin : BE, BG, CZ, DK, EE, FI.

Proċedura fakultattiva taċ-ċaħda ta' l-oġġetti minbarra dik kriminali – Artikolu 3(4) :

L-Artikolu 3(4) jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jirrikorru għal proċeduri oħra minbarra dawk kriminali biex l-attur ikun imċaħħad mill-oġġetti. Huwa l-każ ta' SE.

Mit-testi trażmessi joħroġ li CZ, DE, BE, FR, EE, FI, BG, NL ma ħadux dispożizzjoniji ta' dan it-tip. Dan ma jfissirx li ma jeżistux tipi oħra ta' proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

***Artikoli 4 u 5 : Appelli u garanziji***

L-appelli effettivi għandhom jippreservaw fi ħdan l-Istati Membri d-drittijiet tal-persuni kkonċernat mill-Artikoli 2 u 3. Id-deċiżjoni qafas ma jistax ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali.

Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ma fornewx informazzjoni preċiża dwar it-traspożizzjoni ta' l-obbligi li joħorġu mill-Artikoli 4 u 5. B'hekk, il-Kummissjoni ma tistax tapprezza safejn id-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali tissodisfa l-eżiġenzi tad-deċiżjoni qafas f'dan ir-rigward. Minħabba l-importanza ta' l-appelli fil-qafas tar-rispett tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali, il-Kummissjoni ser tkompli tagħti attenzjoni partikolari għat-traspożizzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Fl-istadju attwali, sittax-il Stat Membru biss ikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu din id-deċiżjoni qafas fil-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tiġġudika ta' tħassib li t-traspożizzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas għadha ftit li xejn avvanzata fl-Istati Membri. Hija tfakkar lil dawn ta' l-aħħar l-importanza li jagħtu għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata permezz taċ-ċaħda tal-mezzi tagħha u tad-dħul finanzjarju. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li din l-importanza hija riflessa wkoll fil-konvenzjonijiet kriminali dwar il-ħasil tal-flus, l-intraċċar, il-qabda u l-konfiska tar-rikavati kriminali tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-1990 u l-2005, fil-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità tranżnazzjonali organizzata fl-2000. L-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi solidi u sħaħ fil-livell nazzjonali hija fil-fatt indispensabbli għall-iżgurar ta' ġlieda effikaċi fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jeżaminaw dan ir-rapport u biex jieħdu din l-okkażjoni biex jitrażmettu lilha u lis-segretarjat ġenerali tal-Kunsill l-informazzjoni kollha komplimentari utli, sabiex jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom skond l-Artikolu 5 tad-deċiżjoni qafas. Il-Kummissjoni tinkuraġġixxi wkoll lill-Istati Membri li ddikjaraw li għaddejjin mill-istadju li jfasslu d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi meħtieġa biex jadottawhom mill-iktar fis u biex jikkomunikaw it-test lis-segretarjat ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li sitt Stati Membri għadhom ma ttrażmettewx l-informazzjoni u tistedinhom biex jikkomunikaw bla dewmien l-informazzjoni kollha dwar it-traspożizzjoni tad-deċiżjoni qafas fil-liġi nazzjonali tagħhom.

Fl-aħħar ta' l-2008 l-Kummisjoni biħsibha tadotta Komunikazzjoni dwar "ir-rikavati kriminali" li għandha tanalizza l-istrumenti fil-qasam tal-konfiska u ta' l-irkupru ta' l-oġġetti ta' oriġini kriminali u teżamina kif tista' ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-pulizija u tal-ġustizzja sabiex iċaħħdu lill-kriminali mid-dħul illegali tagħhom.